MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Numru. 560/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Wayne Briffa ta' 22 sena, iben Redent u Jacqueline nee` McKay, imwieled Pieta` nhar l-04/09/1986, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 402586M u residenti gewwa Flat 3 Gloria Maris Court Triq l-Iskel Marsaskala**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Wayne Briffa li gie akkuzat:

1. Talli bejn l-1 ta' Marzu 2009 u it-3 ta' Gunju 2009 minn gewwa Haz-Zabbar u fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer, xjentament xtara jew laqa' ghandu oggetti misruqa

li l-valur taghhom jaccedi il-2329.4 Euro (LM1000), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahal lbiex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;
Semghet il-provi;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-26 ta' Novembru, 2009;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat u fid-dawl tal-provi migjuba l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-pieni;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikol 18, 334(a) u 279 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' tlettax (13) il-xahar prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal lzmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operatttiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------